Nru. 509
Mejju 2019

# NEWSHEET TAL-GĦAQDIET KATTOLIĊI

DJOĊESI TA' GĦAWDEX

## Il-vjaġġi appostoliċi tal-Papa barra mill-Italja

Matul din is-sena, il-Papa Franġisku diġà wettaq tliet vjaġġi appostoliċi barra mill-Italja. Hu żar il-Panama, fl-okkażjoni tal-Jum Dinji taż-Żgħażagħ (23-28 ta' Jannar), l-Emirati Għarab Magħquda, fejn ġiet iffirmata d-Dikjarazzjoni ta' Abu Dhabi dwar il-Fratellanza Umana (3-5 ta' Frar), u l-Marokk (30-31 ta' Marzu). Għal din is-sena, hemm imħejjija żewġ vjaġġi oħra: fil-Bulgarija u r-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq (5-7 ta' mejju), u fir-Rumanija (31 ta' Mejju – 2 ta' Ġunju). Kif wieħed jista' jilmaħ, f'dawn il-vjaġġi, minbarra appuntamenti ta' protokoll mal-awtoritajiet politiċi u żjajjar lill-komunijiet Kattoliċi, il-Papa qed jagħmel ħafna ħidma ta' djalogu kemm ma' ħutna l-Insara (l-Ortodossi) kif ukoll mal-Musulmani.

Fl-okkażjoni tal-aħħar vjaġġ tiegħu fil-Marokk, ir-Re tal-Marokk Moħammed VI u l-Papa Franġisku għamlu appell konġunt dwar il-belt ta' Ġerusalemm:

> "Fl-okkażjoni taż-żjara fis-Saltna tal-Marokk, il-Qdusija Tiegħu l-Papa Franġisku u l-Maestà Tiegħu r-Re Moħammed VI, filwaqt li jagħrfu l-uniċità u l-qdusija ta' Ġerusalemm / Al Qods Acharif u jgħożżu l-valur spiritwali u l-vokazzjoni pekuljari tagħha bħala Belt tal-Paċi, jaqsmu flimkien dan l-appell:
>
> Inħossu li hu importanti li ngħożżu l-Belt qaddisa ta' Ġerusalemm / Al Qods Acharif bħala patrimonju komuni tal-umanità u, speċjalment għall-fidili tat-tliet reliġjonijiet monoteistiċi, bħala post ta' laqgħa u simbolu ta' koeżistenza paċifika, li fiha jiġu kkultivati r-rispett reċiproku u d-djalogu.
>
> Minħabba f'hekk, jeħtieġ li jiġu mħarsa u promossi l-karattru speċifiku multireliġjuż, id-dimensjoni spiritwali u l-identità kulturali pekuljari ta' Ġerusalemm / Al Qods Acharif.
>
> Nawguraw, għalhekk, li fil-Belt qaddisa jkunu ggarantiti l-libertà sħiħa lill-fidili kollha tat-tliet reliġjonijiet monoteistiċi biex jidħlu Ġerusalemm u d-dritt ta' kull waħda mir-reliġjonijiet li teżerċita l-kult propju tagħha, u dan biex f'Ġerusalemm / Al Qods Acharif titla' 'l fuq, mingħand il-fidili kollha, talba lil Alla, Ħallieq ta' kulħadd, b'risq futur ta' paċi u fraternità fid-dinja kollha."

Rabat, 30 ta' Marzu 2019

---

*Ittra lill-Poplu ta' Alla*
*tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex*

## NITOLBU BL-INTERĊESSJONI TA' DUN MIKIEL ATTARD



Kien bħal-lum 60 sena ilu li l-Qaddej ta' Alla Dun Mikiel Attard irċieva l-ordinazzjoni saċerdotali. Għandna tassew għax inkunu grati lejn Alla li, fost l-għadd sabiħ ta' saċerdoti twajba li kellna u għandna fid-Djoċesi, huwa tana lil Dun Mikiel, li f'ħajtu kien bastun sod li ħafna serrħu fuqu matul il-mixja tagħhom wara Kristu. Fih sibna sieħeb li kien jaf lil Alla u lill-bniedem.

Peress li l-proċess djoċesan tal-Beatifikazzjoni u l-Kanonizzazzjoni ta' Dun Mikiel kważi wasal fit-tmiem tiegħu, u billi Ommna l-Knisja titlob li qabel ma tiddikjara persuna beata jew qaddisa Alla jagħmel miraklu bħala konferma tal-qdusija ta' dik il-persuna, nagħmlilkom sejħa biex b'fidi kbira tħabbtu fuq il-bieb ta' Dun Mikiel u titolbu miraklu bl-interċessjoni tiegħu.

Nhar il-Ħadd nibdew il-jiem għeżież tal-Ġimgħa Mqaddsa. Bħal Dun Mikiel, ejjew nersqu taħt is-Salib tal-Feddej biex, fuq l-eżempju tal-Verġni Marija Addolorata, li Dun Mikiel tant kien iħobb, inħallu l-ħarsa feddejja tas-Salvatur tibdilna fi bnedmin ġodda.

Mogħtija mill-Kurja tal-Isqof, illum, il-Ġimgħa 12 ta' April 2019, Tifkira għażiża tad-Duluri.

---

## appuntamenti mid-djarju...

**L-ERBGĦAT TAL-MADONNA:** Jibdew fl-1 ta' Mejju. Kull nhar ta' Erbgħa, fis-Santwarju Ta' Pinu, jingħad ir-Rużarju *aux flambeaux* fit-8.30pm fuq iz-Zuntier, quddiem il-Misteri tar-Rużarju.

**SAN ĠUŻEPP ĦADDIEM**, L-ERBGĦA, 1 TA' MEJJU: F'dan il-jum inpoġġu lilna nfusna bħala ħaddiema fil-għalqa tal-Mulej taħt it-protezzjoni ta' S. Ġużepp Patrun tagħna l-Ħaddiema. Inħarsu dan il-jum billi nqaddsuh u nagħmlu talb speċjali biex jgħinna u jħarisna fl-appostolat tagħna.

**ID-DEHRIET TA' FATIMA**, ĊELEBRAZZJONIJIET FIL-KNISJA TA' ĦAMET: Nhar IT-TNEJN 13 ta' Mejju jibdew id-dehriet tal-Madonna ġewwa Fatima. Fil-Knisja ta' Ħamet L-EWWEL DEHRA ser issir nhar It-Tnejn, 13 ta' Mejju. Fis-6.30pm tibda l-Adorazzjoni Ewkaristika Solenni. Fis-7.00pm Quddiesa. Wara jsir pellegrinaġġ ta' talb bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima u fl-aħħar barka sagramentali. Dawn id-dehriet jitkomplew kull 13 tax-xahar sa Ottubru. Barra Awwissu li tkun fid-19 it-Tnejn. Kulħadd huwa mistieden għal dawn id-dehriet.

| | |
|---|---|
| 1. L-Erbgħa | San Ġużepp Ħaddiem. Patrun tal-Ħaddiema. Tifkira (O). \| Jum il-Ħaddiem.<br>Laqgħa tal-Kulleġġ tal-Kappillani. / L-1 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Kwiżż Sala tal-Azzjoni Kattolika, Victoria (9.00am). Preżenti l-Isqof Mario Grech. |
| 2. Il-Ħamis | San Atanasju, Isqof u Duttur tal-Knisja. Tifkira (O).<br>Ġurnata Adorazzjoni Ewkaristika b'talb għall-Vokazzjonijiet fis-Seminarju (6.30am-8pm). |
| 3. Il-Ġimgħa. | San Filippu u San Ġakbu, Appostoli. Festa.<br>L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Adorazzjoni u Tqarbina Riparatriċi.<br>Laqgħa għal Persuni Separati (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu) \| Quddiesa għall-Professjonisti u Gradwati (anke koppji) fl-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar (Knisja ta' Santu Wistin, Victoria - 7.30pm). |
| 4. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja Ta' Savina, ir-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **5. Il-Ħadd** | **It-Tielet Ħadd tal-Għid. Sena Ċ. / Tiftaħ il-Ġimgħa ta' Talb għall-Vokazjonijiet.** |
| 6. It-Tnejn | San Duminku Savio. Tifkira. |
| 7. It-Tlieta | B. Antonio Bajewski OFM, Martri fil-kamp ta' konċentrament ta' Auschwitz. Tifkira. |
| 8. L-Erbgħa | Festa tal-Madonna ta' Pompej (Knisja ta' Pompej, ir-Rabat). F'nofsinhar, l-ET Mons. Isqof Mario Grech imexxi s-Supplika tal-Madonna ta' Pompej. / It-2 Erbgħa ta' Santa Marija.<br>Ċelebrazzjoni għall-istudenti tal-iskejjel primarji tal-Knisja fis-Santwarju Ta' Pinu. |
| 9. Il-Ħamis | San Ġorġ Preca, Presbiteru u Fundatur tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, M.U.S.E.U.M. Festa. |
| 10. Il-Ġimgħa | *Parenting Skills: Parenting from the inside out:10. Meeting Your Child's Needs*/ Liema huma l-bżonnijiet l-importanti ta' wliedi ? (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm.) |
| 11. Is-Sibt | Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku Knisja Ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **12. Il-Ħadd** | **Ir-Raba' Ħadd tal-Għid. Sena Ċ. / Is-56 Jum Dinji ta' Talb għall-Vokazzjonijiet.**<br>**Jum l-Omm.** Nitolbu għall-Ommijiet tagħna ħajjin u mejtin. |
| 13. It-Tnejn | L-Imqaddsa Verġni Marija ta' Fatima. Tifkira.<br>L-Ewwel dehra tal-Madonna ta' Fatima fil-Knisja Ta' Ħamet: fis-6.30pm Adorazzjoni u fis-7.00pm quddiesa mill-E.T. Mons Mario Grech Isqof t'Għawdex u wara pellegrinaġġ ta' Talb bil-Madonna ta' Fatima fit-toroq ta' Quddiem il-Knisja. |
| 14. It-Tlieta | San Mattija Appostlu. Festa. |
| 15. L-Erbgħa | Jum Internazzjonali tal-Familja (ĠM). / It-3 Erbgħa ta' Santa Marija |
| 16. Il-Ħamis | San Xmun Stock reliġjuż. Tifkira.<br>Ċelebrazzjoni djoċesana għall-Kreżimandi u tifkira ta' San Ġorġ Preca (Santwarju Ta' Pinu). |
| 17. Il-Ġimgħa | San Baskal Baylon. Tifkira.<br>Laqgħat għall-Persuni Separati (Istitut tal-Familja Gwann Pawl II - 7.30pm). |
| 18. Is-Sibt | San Ġwann I,Papa u Martri (Tifkira).<br>Adorazzjoni għall-Persuni Kkonsagrati fil-Parroċċa ta' Sannat (6.00pm: Adorazzjoni Ewkaristika Solenni fis- 7.00pm: Konċelebrazzjoni).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Knisja ta' Ħamet - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **19. Il-Ħadd** | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid. Sena Ċ.**<br>Żjara bir-Relikwa ta' Santa Ġanna Beretta Molla fl-Isptar Ġenerali (A.K.). |
| 20. It-Tnejn | San Bernardinu ta' Siena, Presbiteru. Tifkira. |
| 21. It-Tlieta | San Kristofru Magallanese, Presibteru u Sħabu Martri. Tifkira. |
| 22. L-Erbgħa | Santa Rita minn Cascia, Reliġjuża. Tifkira.<br>Festa ta' Santa Rita (Knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat \| Sorijiet Agostinjani, Għajnsielem).<br>KKSK / Laqgħa għall-Membri ta' Istituti Sekulari u Lajċi Kkonsagrati ( Sorijiet Agostinjani , Għajnsielem - 4.00pm) / Ir-4 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 23. Il-Ħamis | Santa Ġovanna Antida Thouret, Verġni. Tifkira. (Festa Sorijiet tal-Karità, il-Munxar.) |
| 24. Il-Ġimgħa | Marija Għajnuna tal-Insara (Festa Sorijiet Salesjani). / Festa Quddiesa Solenni u Purċissjoni ta' Marija Għajnuna tal-Insara (Kappella tal-Oratorju Don Bosco - 7.00pm).<br>*Parenting Skills – Parenting from the inside out: 11. Being a Good Role Model*/ Kif inkunu ta' eżempju għal uliedna ? (Istitut tal-Familja Ġwanni Pawlu II - 7.30pm). |
| 25. Is-Sibt | San Beda l-Venerabbli, Presbiteru u Duttur tal-Knisja. Tifkira.<br>Seminar għall-Koppji (Istitut tal-Familja Ġwann Pawlu II – 4.00-7.00pm).<br>Lejl Adorazzjoni mill-Moviment Ewkaristiku (Kappella Oratorju Don Bosco r-Rabat - Quddies: 8.30pm u f'nofsillejl). |
| **26. Il- Ħadd.** | **Is-Sitt Ħadd tal-Għid. Sena Ċ.**<br>**Festa tan-Nawfraġju San Pawl (Parroċċa Munxar).** |
| 27. It-Tnejn | Santu Wistin ta' Canterbury, Isqof. Tifkira. |
| 28. It-Tlieta | San Germanu , Isqof. Tifkira. |
| 29. L-Erbgħa | San Masimino ta' Verona. Tifkira. / Il-5 Erbgħa ta' Santa Marija. |
| 30. Il-Ħamis | Santa Ġovanna d'Arco. Tifkira. |
| 31. Il-Ġimgħa | Iż-Żjara tal-Imqaddsa Verġni Marija lil Santa Eliżabetta. Festa.<br>Konsagrazzjoni tal-Familji f'għeluq ix-xahar tal-Madonna.<br>Jum Dinji kontra t-Tipjip (ĠM). |